# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru: 1400-2022 TA**

**Mica Med Limited (C-27728)**

**Kontra**

**(i) Reġjun Tramuntana**

**(ii) Enemalta plc**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Mica Med Limited (is-Soċjeta' rikorrenti) tal-20 ta' Ottubru 2022.

Rat ir-risposta ta' Enemalta Plc (is-Soċjeta' intimata) tat-28 ta' Ottubru 2022.

Rat ir-risposta tar-Reġjun Tramuntana (l-intimat Reġjun) tal-31 ta' Ottubru 2022.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda ta' George Abdilla prodott mill-Qorti ai fini tal-artikolu 873(4) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Novembru 2022.

**Ikkunsidrat**

Peress li dawn il-proċeduri huma diretti kontra l-Gvern jew 'Awtorita' pubblika, l-ewwel obbligu tal-Qorti qabel ma tibqa' għaddejja tisma' fil-mertu, huwa dak li titlob lill-imsemmija Awtorita' Pubblika, f'dan il-każ ir-Reġjun intimat, tagħmel dikjarazzjoni jekk hiex ser tassew tgħaddi biex twettaq dak li qed jintalab li jitwaqqaf mir-rikorrent.

Għalkemm il-liġi titlob li ssir dikjarazzjoni fil-miftuħ, kemm għas-solennita' li ġġib magħha u anke għaċ-ċertezza din id-dikjarazzjoni f'dawn il-proċeduri saret bil-ġurament meta xehed George Abdilla għar-Reġjun Tramuntana. Fil-fatt fix-xhieda tiegħu qal b'mod l-aktar ċar, li r-Reġjun ma kien ser jagħmel xejn minn dak li qiegħed jintalab li jitwaqqaf bit-tlett talbiet tas-Soċjeta' rikorrenti.

Dwar dan l-artikolu il-Qrati tagħna jagħllmu li hekk :-

*" … illi għall-fini tal-Art 873(3) mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li, fi proċediment għall-ħrug tal-Mandat kontra l-Gvern, tistħarreg u tindaga dwar l-attendibilita` tad-dikjarazzjoni li tkun qiegħda ssir fil-miftuħ. Jekk tidħol fi proċess ta` din ix-xorta, il-Qorti tkun qiegħda toħroġ mill-binarji previsti mill-Art 873(3). Tajjeb li jkun rilevat ukoll li fejn l-Art 873(3) jitkellem dwar illi "l-qorti tkun sodisfatta" dik il-frazi mhijiex qiegħda tirreferi għall-konferma o meno, iżda qiegħda torbot mar-rekwizit erbgħa (iv) li huwa l-"isproporzjon fil-pregudizzju". Bejn it-tielet (iii) rekwizit u r-raba` (iv) rekwizit, il-legislatur uża l-konguntiv "u". Għal din il-Qorti dan sar sabiex min-naħa waħda jagħmel distinzjoni bejn it-tielet (iii) rekwizit u r-raba`-(iv) rekwizit, u min-naħa l-oħra sabiex jinsisti li fis-sitwazzjoni prevista fl-*

*Art 873(3) iż-żewg rekwiziti jridu jseħħu flimkien."* (Ara digriet fl-atti tal-**Mandat ta' Inibizzjoni numru ……..fl-ismijiet Antonia Mifsud et -vs- Infrastructure Malta et tad-9 ta' Gunju, 2019**).

Din il-Qorti hija sodisfatta bid-dikjarazzjonijiet magħmula kif fuq spjegat. Il-Qorti tfakkar bil-gravita' u serjeta' ta' din id-dikjarazzjoni u li magħha ġġib il-konsegwenzi li huma pesanti aktar u aktar meta din id-dikjarazzjoni tkun saret bil-ġurament. Din il-parti tal-liġi ma għandiex tintuża bħala xi strataġemma biex jiġu elużi d-drittijiet tar-rikorrent. Ikun ħafna aħjar li jintlaqa' il-mandat milli dak li jkun jgħaddi ż-żmien bil-Qorti.

Għalhekk fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet magħmula din il-Qorti mhux ser tkun qed tordna li jinħareġ il-mandat mitlub.

Dwar is-Soċjeta' intimata, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2022, Il-partijiet qablu li Enemalta Plc m'għandix għalfejn twieġeb għal dawn il-mistoqsijiet ai termini ta' l-artiklu msemmi peress li hi ma taqax fil-parametri ta' l-artiklu msemmi, fir-rigward ta' din l-intimata. Fl-istess seduta l-abbli difensur tas-Soċjeta rikorrenti vverbalizza hekk:

*Dr. Joseph Camilleri qed jiddikjara li hu m'ghandux xi jzid mas-sottomissjonijiet tieghu hlief li fid-dawl tad-dikjarazzjoni maghmula llum mill-intimat Regjun dawn ghandhom jikkostitwixxu rabta min-naha tar-Regjun li ma jaghmlux dak li r-rikorrent qed jitlob li jigi mizmum milli jaghmel.*

Mix-xhieda rriżulta ukoll, li ma jidhirx li s-Soċjeta' intimata għamlet xi xogħolijiet għall-intimat Reġjun, li skont il-kuntratt is-Soċjeta' Attriċi għandha ma' dan l-intimat, kienu jispettaw lilha li tagħmilhom.

Għalhekk sa fejn jirrigwarda dan is-Soċjeta' intimata u fid-dawl tad-dikjarazzjoni li għamel l-intimat Reġjun, ma hemm xejn x'jingħad dwaru.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti mhux ser tordna il-ħruġ tal-mandat u qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn il-proċeduri filwaqt li qed tħassar u tirrevoka l-ordni provvisorja tagħha tal-20 ta' Ottubru 2022.

Spejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Illum 3, ta' Novembru, 2022**

**Imħallef Toni Abela**